# Fabbrikazzjoni tal-istorja tal-Korp tal-Pulizija

Fil-ittra tiegħu tas-26 ta' Jannar li għadda, ippubblikata f'*il-mument*, il-Kummissarju tal-Pulizija reġa' akkużani li ma ġibt l-ebda dokument uffiċjali biex nuri li l-Korp twaqqaf fl-1812. Id-dokument uffiċjali ġie ppubblikat minn Vincenzo Azopardi u shabu fl-1843.

Il-fatt li qed jippubblika dan id-dokument juri li huma kienu qed iqisu din id-data bħala l-ġurnata tat-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, iżda l-Kummissjaru tal-Pulizija l-ewwel qies id-dokument ippubblikat minn Azopardi bħala mhux validu għax mhux miktub f'kuntest u wara kiteb eloġju lejn Vincenzo Azopardi waqt li xorta baqa' jwebbes rasu biex jirrikonoxxi l-valur storiku tad-dokument li kien ippubblikat f'*Cenni Storici*.

Issa qed jgħid li dan ma hux dokument uffiċjali meta fil-fatt hu.

Għalhekk hija totalment skorretta l-affermazzjoni tal-Kummissjaru li jien ma ġibt l-ebda dokument. Infakkar lill-Pulizija, hu qed jitkellem dwar "*Foundation Day*", iżda mbagħad qed jilgħab bil-bżallu biex jiġġustifika "*a historical construct*" maħluq minn Albert Laferla dwar meta twaqqaf il-Korp tal-Pulizija, meta Azopardi jitkellem ċar dwar dak li sejjaħ "*Primo Magistrato di Polizia di Malta*". Jekk din mhix prova ċara ta' bidu ta' xi organizzazzjoni, ma nafx x'jikkostitwixxi bħala provi ċari f'moħħ il-Kummissarju tal-Pulizija preżenti.

Min-naħa l-oħra, l-istess Kummissarju ma jiddejjaqx jgħid li qed jikkwota minn dokument mill-ktieb ta' Azopardi li jgħid li l-Maltin "ċedew" Malta lill-Ingliżi, iżda mbagħad ma jagħti l-ebda referenza. Mhux talli Azopardi ma jitkellimx f'termini ta' "ċedew" talli jgħid li l-Ingliżi "*occuparano la Valletta*"(p. 4). Altru milli "ċedew"! Ara hawn, biex jiġu ffabbrikati ġrajjiet kolonjali li ma jeżistux, ix-xogħol li ppubblika Azopardi u shabu jsiru test uffiċjali għall-Korp tal-Pulizija! Il-Kummissarju tal-Pulizija issa għadda mill-fantastorja għall-verżjoni fabbrikata tal-istorja kolonjali.

## Il-proċess tal-libertà tal-istampa

L-anqas mhi korretta l-impressjoni li qed jagħti l-Kummissjarju tal-Pulizija dwar l-istorja tal-libertà tal-istampa. Il-Kummissjoni Rjali ntbagħtet minħabba li fl-Ewropa kien hemm qawmien nazzjonalistiku qawwi fi spirtu ġdid Romantiku b'reazzjoni għall-kolonjaliżmu ġdid Franċiż u Ingliż u dan id-dritt ingħata wara li numru ta' persuni Protestanti kienu ilhom igawdu d-dritt li jippubblikaw f'pajjiż qabel l-istess Maltin. Fuq kollox, il-"liberaliżmu" ta' John Austin kien liberaliżmu elitista u 'l bogħod mil-liberaliżmu radikali li permezz tiegħu għaddejna mill-kunċett tal-*welfare society* tal-imperjaliżmu Ingliż għal dak tal-*welfare state*.

Mhux fl-interess tiegħi li nidħol fil-kontribut ta' Albert Laferla lejn l-edukazzjoni ta' pajjiżna. Jien żammejt mal-kontribut storiku tiegħu, iżda anki fejn tidħol l-edukazzjoni, wasal iż-żmien li din l-istorja tibda tiġi studjata mil-lenti tat-teoriji postkolonjali u tad-dekostruzzjoni storika, jekk verament irridu nifhmu sew x'ġara f'pajjiżna fis-seklu 20 f'dan il-qasam tant importanti u l-konsegwenzi negattivi li dan iż-żmien ħalla fuq is-sistema edukattiva tagħna.

## Investigazzjoni fażulla

Finalment, jidher li l-Kummissarju tal-Pulizija m'għamilx l-investigazzjoni dwari tajjeb meta akkużani li dawn il-fatti dwar it-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija qed ngħidhom issa u mhux qabel għaliex għandi xi aġenda moħbija u madwar din l-idea bena teorija ta' kospirazzjoni li ma teżistix. Infakkar lill-istess Kummissarju li dawn il-fatti li qed ngħid illum ippubblikajthom f'artiklu storiku fil-ktieb editjat mill-Professur Horace Vella, bl-isem *Ħal Kirkop u l-Inħawi ta' Madwaru*, fl-2008 u jinsabu f'paġna, 74, jiġifieri fi żmien l-amministrazzjoni preċedenti.

Kont ukoll fittixt li nġibed l-attenzjoni tal-PBS u anki ta' ġurnal bl-Ingliż biex jiġu kkoreġuti dawn il-fatti, iżda kollha beżgħu jiddiskutuhom fil-*media* (u dan grazzi għall-kolonjaliżmu Ingliż li tant jogħġob iħobb ifaħħar il-Kummissarju).

Ġurnalist minnhom għamilha ċara li hemm biża' reali ta' xi retribuzzjoni negattiva mill-Korp tal-Pulizija għax tazzarda tikkontradixxi xi verità storika kif emmnuta mill-istess pulizija.

Fuq kollox, nixtieq infakkar lill-Kummissarju tal-Pulizija li kull interpretazzjoni tal-istorja tibqa' waħda personali, jagħmilha min jagħmilha, iżda l-fatti jibqgħu assoluti. F'dan il-każ, hemm fatti assoluti li l-Korp kien jeżisti fl-1812 u f'dik is-sena twaqqaf l-ewwel maġistrat għall-pulizija, u bil-mod kif din il-kelma hija użata tfisser Kummissarju. Hawn fejn tidħol l-interpretazzjoni tal-fatti, magħrufa wkoll fil-dinja akkademika bħala ermenewtika. Din l-intrepretazzjoni qed nagħmilha wara numru ta' snin ta' studju fl-istorja u wara li ħadt il-Ph.D tiegħi mill-Università Pariġina tas-Sorbona u ngħatajt "*mention très honorable avec félicitations du jury*".

## Faqar dwar l-istorja

Nagħlaq billi sinċerament nifraħ lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-informazzjoni li jaf dwar l-istorja ta' Malta anki jekk jien ma naqbilx mal-interpretazzjoni tiegħu. Iżda jekk din l-informazzjoni ġabha permezz ta' wieħed mill-konsulenti tiegħu, allura jkolli ngħid li t-tweġibiet juru faqar f'dik li tissejjaħ storjografija u metodoloġija tal-kitba tal-istorja.

Nispera li jekk verament sar użu minn konsulent, dan mhux xi persuna li gawda fi żmien l-amministrazzjoni preċedenti.

F'dan il-każ, nifhem għaliex il-Korp tal-Pulizija ma tax kas tal-kummenti u rimarki storiċi tiegħi qabel Marzu 2013. Nifhem ukoll l-interess tiegħek illum biex inkun skreditat pubblikament, iżda f'dan il-proċess kollu, dawk li qed jiġu skreditati huma dawk li qed jagħmlu dawn it-tip ta' argumenti.

Nirringrazzja 'l Alla li t-tagħlim tiegħi fl-istorja kemm fl-Università ta' Malta, kif ukoll f'numru ta' universitajiet prestiġjużi barranin, fosthom fl-Italja u fi Franza, (li stajt immur fihom għaliex l-Università tagħna tatni bażi teoretika tajba) għenuni nkisser il-ktajjen assoċjati mal-mentalità kolonjali.

**Simon Mercieca**
Marsaxlokk

BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

**Stħarriġ dwar il-Finanzi u l-Konsum tal-Familji**

Għat-tieni darba l-Bank Ċentrali ta' Malta ser jagħmel stħarriġ fuq ix-xejriet tal-finanzi u l-konsum tal-familji (Stħarriġ dwar il-Finanzi u l-Konsum tal-Familji) bejn Jannar u Mejju 2014, bħala parti minn proġett tal-Eurosistema bil-għan li tinġabar statistika dettaljata u armonizzata minn familji fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro. L-informazzjoni miġbura minn kampjun ta' familji magħżula f'Malta, bħala parti mill-proġett, se tipprovdi tagħrif importanti dwar il-karatteristiċi finanzjarji tal-familji Maltin, bħax-xejriet tal-konsum u tat-tfaddil tagħhom.

Il-Bank qabbad il-kumpanija *Economic and Management Consultancy Services Ltd. (EMCS)* sabiex twettaq dan l-istħarriġ. Fi żmien qasir, rappreżentant/a mill-kumpanija se j/tikkuntattja numru ta' familji sabiex i/tħeġġiġhom jipparteċipaw f'dan l-istħarriġ. Il-parteċipazzjoni f'dan l-istħarriġ hija ferm rakkomandata. Kull informazzjoni tiġi meqjusa bħala kunfidenzjali u se tkun ipproċessata skont ir-rekwiżiti tal-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 440).

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org jew billi ċċempel fuq 2550 4305/9/2/3 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-08:00 u l-16:00.

www.centralbankmalta.org

rapporti, analiżi politika, informazzjoni u aħbarijiet sportivi
In-Nazzjon
il-ġurnal tiegħek ta' kuljum